SPEJJEŻ - *Costs*

Min isib id-deffien u jordna funeral ikun risponsabbli bil-liġi biex itħallas il-kont. L-ispejjeż u kif ser jitħallsu għandek tiddiskutihom mad-deffien. F'każi ta' tbatija finanzjarja jekk jogħġbok irranġa laqgħa mas-"social worker" u ma interpretu tas-Saħħa.

ĊERTIFIKAT TAL-MEWT - *Death Certificate*

L-Insinwa (ir-Reġistratur ta' Twelid, Mewt u Żwieġ) huma risponsabbli biex joħorġu ċertifikat ta' twelid żwieġ u mewt. Id-deffien is-soltu jgħarraf lir-Reġistratur bil-mewta, u inti tkun tista' tapplika ghal Ċertifikat tal-Mewt, mingħad ir-Reġistratur ftit ġimgħat wara l-mewt.

(Kemm jiswa - fl-14.10.85 - 9 dollari għal ċertifikat sħiħ u 6 dollari għal estratt). Reġistraturi lokali jinstabu f'Sydney (Reġistru tat-Twelid, Mwiet u Żwieġ, 50, Bridge Street, Sydney, 2000 Telefon 240 1205.) Fi Newcastle; Wollongong (Unanderra) u mill-qrati f'ħafna mill-lokalijiet tal-kampanja.

AKTAR TAGHRIF - *Further Information*

X'aktarx li jkollok mistoqsijiet oħra x'tistaqsi: aħna nissuġġerulek li tkellem lit-tabib jew lis-"social worker" bl-għajnuna ta' interpretu/a, li jkun jista' jagħtik parir kif iġġib aktar tagħrif.

**This publication has been developed and translated by the Health Translations Service in consultation with the Social Workers Oncology Group and Trudy Coffey, the Chief Social Worker, Liverpool Hospital.**

**State Health Publication No. (HTS) 87-009.**

In-numri tat-telefon huma korretti fid-data tal-pubblikazzjoni iżda m'humiex kontinwament aġġornati. Forsi jkoll bżonn tiċċekkja n-numri fil-ktieb tat-telefon.

**HTS 539**
**Maltese**

# Meta xi qarib imut l-isptar

## When a relative dies in hospital



**Health Information and Translation Services**
**NSW Department of Health**

Aħna nissimpatiżżaw miegħek għat-telfa li sofrejt. Noffrulek it-tagħrif li ġej biex jgħinek f'dan iż-żmien diffiċli. Tista' tieħu dan miegħek id-dar, u jekk terġa' tiġi l-isptar, ikollok aktar tagħrif bl-għajnuna ta' interpretu/a. Peress li dan il-fuljett jagħti tagħrif ġenerali, tista' ssib xi tibdil żgħir minn sptar għal ieħor.

## SERVIZZ TA' INTERPRETI - *Interpreter Service*

F'dan l-isptar issib servizz ta' interpreti matul il-ħinijiet tax-xogħol. Dan hu bla ħlas u kunfidenzjali. Itlob l-isptar biex jirranġalek għal interpretu/a mill-aktar fis possibbli, jew tista' ċċempel għal interpretu/a int stess f'dawn in-numri li ġejjin:

Sydney: Northern Metropolitan Region 438 7560

Southern Metropolitan Region 516 6999

Western Metropolitan Region 633 5444

Newcastle: Hunter Region (049) 26 3533

Wollongong: Illawarra Region (042) 74 4211

## X'GĦANDEK TAGĦMEL - *What To Do*

Meta pazjent imut l-isptar, m'għandek tagħmel xejn għall-ewwel. Il-mejjet jeħdun fil-kamra mortwarja, u jekk tkun trid, tista' titlob biex tarah hemm. Il-mejjet jinżamm hemm sakemm inti tkellem "funeral director". Tkun tista' tirranġa miegħu kif ilestu l-katavru għad-difna skond ix-xewqat tiegħek (ara hawn taħt). Għandek tiddiskuti ma' tat-twiebet kif jinġarr il-katavru mill-isptar meta jasal l-interpretu/a.

## L-AFFARIJIET TAL-MEJJET - *Belongings of the Deceased*

Jekk trid tista' tiġbor il-ħwejjeġ mis-sala tal-isptar. Jekk ix-xewqa tiegħek hi li ċertu deheb (per eż. ċurkett tat-tieġ, imsielet, eċċ.) ma jitneħħiex, għandek tinforma l-impjegati tal-isptar mill-aktar fis. Is-soltu l-isptarijiet ikollhom post "safe" fejn iżommu oġġetti ta' valur li għandhom jingħataw biss lil persuna nkarigata bil-liġi biex tesegwixxi t-testment. (Bħala esekutur tat-testment)

## KAWŻA TAL-MEWT - *Cause of Death*

Din tista' tiddiskutiha mat-tabib li assista 'l mejjet. Is-servizz tal-interpreti tas-Saħħa qiegħed għad-dispożizzjoni tiegħek. Xi kultant, għal diversi raġunijiet, it-tabib ikun jixtieq jagħmel awtopsja. Għalhekk tiġi mitlub tiffirma formola. Tista' tiddiskuti dwar dan mal-isptar bil-għajnuna ta' interpretu/a.

## AWTOPSJA - *A Post Mortem (Autopsy)*

L-awtopsja hi eżami tal-ġewwieni (organi interni) minn esperti. Tinkludi testijiet bil-mikroskopju u fil-laboratorju biex tinstab il-kawża tal-mewt.

F'ċerti każi l-liġi tal-awstralja titlob li l-awtopsja trid issir għalkemm din tista' ma tkunx l-użanza f'ċerti kulturi.

## IR-RIŻULTAT TAL-AWTOPSJA - *Result of Post-Mortem*

Ir-riżultat tal-awtopsja tista' tieħdu mill-isptar mis-sezzjoni amministrattiva, jew mingħand it-tabib li kien jikkura l-mejjet. Itlob lil Interpreti tas-Saħħa biex jagħmlulek l-investigazjonijiet meħtieġa.

## TAT-TWIEBET - *Funeral Directors*

Għandek tikkuntattja lil min jieħu ħsieb il-funeral, jekk ikun possibbli viċin ta' fejn toqgħod. Jekk ma tafx deffiena fin-naħa tiegħek, jew jekk teħtieġ xi għajnuna jew tagħrif, jekk jogħġbok irranġa appuntament mas-"social worker" u l-interpreti tas-Saħħa. Dawn jistgħu jgħinuk fil-tfittxijiet li teħtieġ.

Għandek id-dritt tagħżel deffien li kapaċi jagħmillek funeral skond il-ħtiġijiet tiegħek inklużi ħtiġijiet reliġjuzi u possibilment trasport tal-katavru f'pajjiż ieħor.

Id-deffien jirranġa biex jittieħed il-katavru u jara li l-karti kollha meħtieġa jkunu kompluti. Jagħmel ukoll il-preparazjonijiet kollha għall-funeral skond kif tkun għidtlu int.